MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 205/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur A. Cassar)**
**Vs**
**Stephen Desira et.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-19 ta' Marzu, 2004 bejn l-10.30 p.m. u l-11.15 p.m. :**
**1) operajt hanut tal-imbid birra u xorb spiritu b'isem "Oblivion" li jinsab fi Triq l-Gardiel, M'Scala w ppermettejt tfal taht is-sittax il-sena biex jidhlu fil-post imsemmi ;**
**2) u aktar talli sar bejgh ta' xorb alkoholiku lit-tfal taht is-sittax il-sena.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Gunju, 2005, li biha, wara li rat l-avviz legali 124 tal-1995, l-artikolu 6, (S.L. 10.40), u l-Artikolu 185 (a) tal-Kap. 10, sabet lill-imputat mhux hati tat-tieni akkuza kif dedotta w illiberatu minnha, filwaqt li sabitu hati tal-ewwel akkuza kif dedotta w ikkundannatu ghal tlett mitt lira Maltin (LM300), u skwalifikat il-licenzja ghal sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta’ Gunju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tiddikjara nulla w bla effett jew tannulla s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull htija w piena w, sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghal premess, f’kaz illi dina l-Qorti ma tiddikjarax nulla w bla effett l-imsemmija sentenza appellata, tirrevoka l-istess sentenza w tillibera lill-appellant minn kull htija w piena w sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess f’kaz illi dina l-qorti ma tirrevokax l-imsemmija sentenza appellata billi timmodifika s-sentenza appellata billi tnaqqas il-piena nflitta w in partikolari tnehhi l-iskwalifika tal-licenzja.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat il-verbal registrat fl-udjenza rad-29 ta’Settembru, 2005, li bih il-Prosekuzzjoni eccepiet preliminarjament in-nullita’ tar-rikors tal-appell in vista tal-fatt li flok intalbet ir-tiforma tas-sentenza appellata, ntalbet ir-revoka taghha u dan imur kontra d-dispost tal-artikolu 419 (1)( c ) tal-istess Kodici w dan subordinatament ghall-eccezzjoni tan-nullita’ tas-sentenza.

Rat il-verbal tal-istess data li bih, in vista li din il-pregudizzjali qed tinghata subordinatament ghad-determinazzjoni tal-ewwel talba ghal biex is-sentenza tigi annullata, l-Qorti rrizervat li tipprovdi dwarha fis-sentenza finali, jekk ikun il-kaz.

**Semghet it-trattazzjoni dwar din l-eccezzjoni fil-kors tal-istess seduta.**

**Ikkonsidrat;**

**Li l-ewwel aggravju tal-appellant hu li s-sentenza appellata hija nulla fil-konfront tal-appellant stante li la hija motivata u lanqas ma hemm dikjarazzjoni ta' htija tal-appellant;**

**Ikkonsidrat;**

**Li fid-*decide* tas-sentenza appellata, wara li elenkat verbatim u seriatim l-akkuzi dedotti kontra l-appellant u z-zewg imputati l-ohra w indikat l-artikoli tal-ligi li tahthom sabet htija, l-ewwel Qorti qalet testwalment hekk :-**

*"Illi wara li semghet ix-xhieda prodotta u ezaminat id-dokumenti esebiti, filwaqt li qieghda tillibera lil Leonard u Pierre Desira mill-akkuzi kif dedotti, qieghda ssib lill-imputat Stephen Desira mhux hati tat-tieni akkuza kif dedotta u tilliberah minnha, fil-waqt li ssibu hati ta' l-ewwel akkuza, kif dedotta w tikkundannah ghal tlitt mitt lira maltin (Lm300) u tiskwalifika l-licenzja ghal sitt (6) xhur mil-lum."*

**Issa huwa minnu li ma hemm ebda motivazzjoni s-sentenza appellata hlief li mill-ezami tax-xhieda prodotti u mill-ezami tad-dokumenti, sabet il-htija tal-appellant, izda hu risaput li fis-sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fil-kompetenza taghha kontemplata fl-artikolu 370 (1) tal-Kodici Kriminali, ma hux mehtieg li jkun hemm xi motivazzjoni dettaljata. Li hu importanti *ad validitatem* hu li, kif jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat. Huwa n-nuqqas ta' xi wahda minn dawn it-tlitt rekwiziti li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata, stante li jkun jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali.**

**Illi mill-ezami tal-istess sentenza jidher car li dawn it-tlitt rekwiziti gew kollha osservati u ghalhekk ma**

**jidhirx li s-sentenza ghandha tigi annullata, kif qed jitlob l-appellant.**

**Illi umbaghad kull ma jghid l-artikolu 377 (1) tal-Kodici Kriminali hu li "*meta jinghalaq is-smiegh tal-kawza, il-Qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, taghti s-sentenza, billi tillibera jew tikkunndanna l-imputat.*"**

**Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Prim' Imhallef attwali fil-kawza** "Il-Pulizija vs. Albert Bezzina" **[25.7.1994] li addirittura la l-artikolu 377 (1) u anqas l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-magistrat; dak li trid il-ligi hu li dak li jghid il-magistrat meta jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dan jissottolineja is-sommarjeta' li tipprevali fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kompetenza surreferita. Illi la mhux mehtieg li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat, ahseb u ara kemm mhux mehtieg li s-sentenza tkun motivata.**

**Ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi michud.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dwar il-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali tan-nullita' tar-rikors tal-appell, jirrizulta li l-Ewwel Qorti kienet illiberat lill-appellant mit-tieni akkuza, sabitu hati tal-ewwel akkuza w mmultatu Lm300 u skwalifikatu mill-licenzji ghall-sitt xhur. B' dana kollu, wara li talab li din il-Qorti tiddikjara nulla u bla effett jew tannulla s-sentenza appellata, l-appellant ghadda biex talab li din il-Qorti <u>tirrevoka</u> l-istess sentenza u tilliberah minn kull htija w piena. Umbaghad biss sussidjarjament u minghajr pregudizzju, talab li din il-Qorti timmodifika s-sentenza billi tnaqqas il-piena w in partikolari tnehhi l-iskwalifika.**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi hemm lista formidabbli ta' decizjonijiet ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn dejjem giet dikjarata**

**n-nullita' tal-appell - liema nullita' hija anki** sollevabbli "ex officio**" - meta talba kellha tkun dik ta' riforma jew varjazzjoni tas-sentenza izda, minnflok tintalab ir-revoka taghha, ghax dan igib bhala konsegwenza li ma jkunx gie osservat il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali , b'mod ghalhekk li l-istess rikors tal-appell ikun null. (App. Krim.** Pul. vs. Mario Camilleri" **–[3.12.2001];** Il-Pulizija vs. Joe Borg **[21.7.1995] u ohrajn ).**

**Illi din il-Qorti diversament preseduta dahlet *funditus* f'din il-kwistjoni fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Galea **[ 30.6.1995] ( Per V. De Gaetano J.) fejn gie ritenut li :-**

**"minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita' ta' appell, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :-**

**(a) Bhala regola generali, l-artikolu 419 (1) , cioe' li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir** jew **ghat-tibdil tas-sentenza , giet "*very strictly and rigidly interpreted*" - ("**The Police vs. John Hill"**, Criminal Appeal, [23.9.1972]**

**(b) ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-thassir jew ghal tibdil , fil-prassi ta' din il-Qorti dejjem gie accettat , fil-kazijiet li hekk jippermettu , li jkun hemm kemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil , PURCHE' LI DIN IT-TALBA TKUN SUBORDINATA GHALL-EWWEL WAHDA (emfasi ta' din il-Qorti). In fatti ,anki jekk jintalab biss it-thassir , din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella - tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza , per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant .** Mill-banda l-ohra , jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet , gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir , ir-rikors ikun null. **" (emfasita' din il-Qorti), ("**Pul.vs. Anthony Zammit" **(**

**[1.10.60], Vol. XLIV , iv. p.940); “**Pul. vs. Richard Vincenti Kind” **, App. Krim. [16.9.72]; “**Pul. vs. Carmelo Agius” **, App. Krim. [4.10.1972].**

**Illi sentenzi ohra li minnhom kienu jemergu dawn il-principji huma : “**La Polizia vs. Ernesto Laiviera**”, [18.10.1930] ; Vol. XXVII , iv. P.829; “**La Polizia vs Carmelo Carabott et**.” [8.11.1933], Vol. XXVIII, iv. P.205;** Pulizija vs. Francis Saviour Zammit Cutajar **, App.Krim. [23.1.1971];** Pulizija vs. Carmelo Farrugia et. **App. Krim. [11.11.1976] ;** Pulizija vs. Carmelo sive Lino Scicluna **, App. Krim.[ 1.9.1977];** Pulizija vs. Victor Anthony Camilleri et **,[ 26.4.1985]**; Pulizija vs. Anthony Zammit **[1.10.1960] Vol. XLIV , iv. P.940** ; Pulizija vs. Richard Vincenti Kind , **App. Krim. [16.9.1972] ;** Pulizija vs. Carmelo Agius **App. Krim. [14.10.1972];** Pulizija vs. Emmanuel Bonnici **, App. Krim. [5.10.1990];** Pulizija vs. Joseph Desira **[18.3.1972]** ; Pulizija vs. Crusifix Buttigieg **, [18.3.1972]; u** Pulizija vs. John Vella Chritien **App. Krim. [6. 5. 1972] u** Il-Pulizija vs. Jesmond Farrugia **[13.2.2001].**

**Illi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ghandha ghalhekk tintalab ir-revoka** JEW **ir-riforma w fil-fatt hekk tghid il-ligi fl-artikolu fuq citat .**

**Ghalhekk fil-kaz in ezami, ladarba l-appellant ma kienx gie misjub hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu imma biss ta’ l-ewwel minn zewg imputazzjonijiet u ma nstabx hati w gie liberat mit-tieni imputazzjoni, hu kellu – f’ kaz li ma tigix milqugha l-ewwel talba tieghu biex is-sentenza tigi annullata - jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata w mhux ir-revoka taghha, kif ghamel fir-rikors in dizamina. Il-fatt li talab il-modifika tas-sentenza in subsidium u ghal dak li jirrigwarda l-piena biss ma jissanax il-pozizzjoni ghax f’ kull kaz hu kellu jitlob ir-riforma tas-sentenza billi din tigi konfermata fejn hu gie liberat mit-tieni akkuza w revokata ghall-kumplament u cioe’ ghall-dak li jirrigwarda s-sejbien ta’ htija fuq l-ewwel imputazzjoni w in kwantu ghall-piena, billi jigi liberat mill-ewwel**

**imputazzjoni w, f' kaz li dan ma jsehhx, biex tinghata piena ohra.**

**Ghalhekk, issa li din il-Qorti trid tidhol biex tiddeciedi t-tieni talba tieghu, ltaqghet ma dan l-ostakolu legali li josta ghall-validita' tal-appell tieghu w ikollha tiddikjara l-appell tieghu null.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, tiddisponi mill-appell billi wara li tichad l-ewwel aggravju tieghu dwar in-nullita' tas-sentenza appellata, qed tiddikjara l-appell fuq il-mertu null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------